IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12-2020(06_04_2020) – Laqgħa b'urġenza**

**6 ta' April 2020**

Fid-dawl taċ-ċirkustanzi preżenti tal-Corona Virus (Covid-19), il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' *online* permezz ta' *Microsoft Teams* ® fis-1.00 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Kimberly Spiteri - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

12.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**12.2 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord tal-Għażla għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

12.2.1 Is-sejħa għal Segretarju Eżekuttiv kienet ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Marzu 2020 u din is-sejħa kienet damet miftuħa sa nofsinhar tal-24 ta' Marzu 2020. Il-Bord tal-Għażla li kien inħatar kien ukoll iltaqa' sabiex inżammu l-intervisti mal-applikanti li kienu ġew misjuba eleġibbli.

Fil-laqgħa, fuq *Microsoft Teams*®, kien hemm preżenti wkoll is-Sur George Refalo, Segretarju tal-Bord tal-Għażla. Is-Sindku stiednu sabiex bħala Segretarju tal-Bord tal-Għażla jinforma lill-membri preżenti bil-proċess kollu li sar.

Is-Sindku stieden lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tabbanduna l-laqgħa minħabba li hi waħda mill-applikanti in kwistjoni, kif ukoll stieden lis-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier li kienet diġà ddikjarat, permezz ta' ittra, kunflitt ta' interess sabiex tabbanduna l-laqgħa hi wkoll.

---

**Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR1012, Għawdex * T. 21558755 * F. 21558787 * E. munxar.lc@gov.mt**

Is-Segretarju tal-Bord tal-Għażla, filwaqt li afferma dak kollu li ntqal s'issa, ta spjegazzjoni dettaljata tal-proċess kollu għall-benefiċċju tas-Sindku u l-Kunsilliera preżenti fejn għarrafhom li sad-data tal-għeluq tas-sejħa, il-Kunsill Lokali Il-Munxar kien irċieva erba' applikazzjonijiet mingħand is-Sinjuri: Pauline Xerri, Kimberly Marie Spiteri, Odette Camilleri u Ryan Debrincat.

Wara, is-Segretarju tal-Bord tal-Għażla spjega wkoll ir-rapport tal-Bord tal-Għażla fejn hemm dettaljat il-proċess kollu tal-Bord tal-Għażla kif ukoll fisser il-marki kif ingħataw filwaqt li temm l-intervent tiegħu billi għarraf lill-membri preżenti li l-Bord tal-Għażla qiegħed jirrakkomanda lis-Sur Ryan Debrincat sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar minħabba li ġab l-akbar ammont ta' marki minn fost it-tliet kandidati li attendew għall-intervista minħabba li kien hemm kandidata minnhom li kienet irtirat l-applikazzjoni tagħha ġurnata qabel id-data tal-intervisti.

Wara diskussjoni qasira fost il-membri l-Kunsill approva, b'mod unanimu, ir-rapport tal-Bord tal-Għażla u inkariga lis-Segretarju tal-Bord sabiex jippubblika r-riżultat fin-*Notice Board* tal-Kunsill Lokali Il-Munxar, kif ukoll jinforma bir-riżultat lill-applikanti kollha u jgħarraf lis-Sur Ryan Debrincat dwar jekk jaċċettax jew mod ieħor din il-ħatra filwaqt li jagħtih erbgħa u għoxrin siegħa żmien sabiex jgħarraf lill-Kunsill bid-deċiżjoni tiegħu biex il-Kunsill Lokali jkun jista' jinforma b'din id-deċiżjoni kemm lill-Ministru konċernat kif ukoll lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u jinbeda l-proċess tal-ħatra tiegħu minnufih.

Wara, is-Sinjura Juliet Attard – Kunsillier kif ukoll id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna jerġgħu jingħaqdu b'mod remot mal-laqgħa u s-Sindku talab lis-Segretarju tal-Bord sabiex għall-benefiċċju ta' dawk li kienu għadhom kif ingħaqdu fil-laqgħa, jerġa' jirrepeti l-parti li tirrigwardja l-bqija tal-proċess tal-għażla.

Wara diskussjoni qasira fejn saru numru ta' interventi, is-Segretarju tal-Bord tal-Għażla temm l-intervent tiegħu u għalhekk is-Sindku filwaqt li f'ismu u f'isem il-membri tal-Kunsill Lokali Il-Munxar irringrazzja liċ-*Chairman* kif ukoll lill-membri u lis-Segretarju tal-Bord tal-ħidma li wettqu, talbu jgħarraf lill-membri tal-Kunsill b'kull korrispondenza li jkun irċieva b'rabta ma' dan il-proċess sabiex ikunu infurmati b'kull deċiżjoni f'kull ħin.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv iddikjarat illi hija lesta tirreżenja, b'mod immedjat, minn Deputat Segretarju Eżekuttiv jekk kemm-il darba l-Kunsill ma jirrakkomandax lilha għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv. Wara saret diskussjoni qasira dwar dan.

**12.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.3.1 Il-laqgħa aġġornat fis-1.40 ta' waranofsinhar. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 22 ta' April 2020 fil-5:30 ta' filgħaxija iżda mbagħad il-Kunsill iddeċieda li jbiddel id-data għal nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2020 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Dawn il-Minuti ġew ippreparati mis-Sa Kimberly Spiteri, Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**IFFIRMATA**

Ryan Debrincat
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 15/2020 - 8 li nżammet nhar il-Ħamis, 30 ta' April 2020.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku